Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 03/16 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| Data | 09/03/16 fis-6.15pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti mis-6.35pm |
| | Joan Agius | Preżenti mis-6.45pm |
| | Claude Camilleri | Preżenti |
| | Raymond Caruana | Preżenti mis-6.35pm |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.55pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| Preżenti wkoll | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| Preżenti wkoll | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Laura Caruana |

**03. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Proponent: Hales<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 02/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet | |
| | | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Laura Caruana kienet skużata. | | |
| | 02.6.8 | Minflok *'parking bays'*, tidħol il-kelma *'give ways'*. | | |
| | 02.6.19 | Responsabilta' kienet ta' Chircop ukoll. | | |
| 03. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**03. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 2 1 | 02.2.3 | Hales: Talba għal *zebra crossing* | Hales qal li din u oħrajn isiru meta jkunu approvati minn TM. | Hales |
| 03 2 2 | 02.2.5 | Hales: LESA | Hales irraporta li l-programm ġie mibgħut lil-LESA. | Hales |
| 03 2 3 | 02.3.4 | Camilleri: Ekoskola | Camilleri informa lill-Kunsill li l-miżata tħallset. | Segretarjat |
| 03 2 4 | 02.3.9 | Hales: Mental Health Day Centre - użu ta' Ġnien San Girgor | Hales qal li l-Mental Health Unit ġew infurmati bl-approvazzjoni tal-Kunsill. | Hales |
| 03 2 5 | 02.5.1 | Sindku: Bankina fi Triq il-Qadi | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat is-Sur Joseph Tabone fejn dan aċċetta li jagħmel ix-xogħol fuq il-bankina ta' Triq il-Qadi hekk kif diskuss fil-laqgħa preċedenti, skont il-kuntratt pero', is-Sur Tabone xorta ser jagħti stima tax-xogħol. | Sindku |
| 03 2 6 | 02.5.2 | *Hales: Directional Signs* | Hales informa lill-Kunsill li għadna qed nistennew l-*art work tad-directional signs.* | Hales |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 2 | 7 | 02.5.5 | Hales: *Traffic Management* - Triq Santa Cecilja u l-parti d-dejqa ta' Triq il-Bandolier | Hales informa lill-Kunsill li t-*traffic management* ta' Triq Santa Ċecilja u l-parti d-dejqa ta' Triq Bandolier, ġew approvati minn TM. | Hales |
| 03 | 2 | 8 | 02.5.6 | Hales: *Traffic Management* - Triq l-Isqof Emm Galea | Hales informa lill-Kunsill li dwar it-*traffic management* ta' Triq l-Isqof Emm Galea, għadna qed nistennew l-approvazzjoni. | Hales |
| 03 | 2 | 9 | 02.5.7 | Hales: *Traffic Management* - Triq il-Kastellan | Hales informa lill-Kunsill li t-*traffic management* ta' Triq Kastellan ġiet approvata minn TM. Camilleri staqsa kif ser tiġi l-*one-way* u kien konfermat li Triq il-Faqqus mhux ser tintmiss. | Hales |
| 03 | 2 | 10 | 02.6.2 | Hales: *Traffic Management* fi Triq l-Isqof Emm Galea | Hales irraporta li t-*traffic management* ta' Triq l-Isqof Emm Galea mhux lest minħabba problemi li nqalgħu mal-Koptasin minħabba l-kwalita taż-żebgħa. | Hales |
| 03 | 2 | 11 | 02.6.5 | Hales: Ostaklu għall-aċċess tal-garaxxijiet fi Triq Sir Paul Boffa | Hales irraporta lill-Kunsill li din it-triq għandha bżonn ta' *refreshing* u meta ssir, jsiru *double yellow lines* quddiem il-garaxxijiet imsemmija. | Hales |
| 03 | 2 | 12 | 02.6.6 | *Hales: Residents Parking* | Hales informa lill-Kunsill li saret talba lill-Ministru nkarigat mit-Transport Malta sabiex jikkonsidra li Triq Salvu Cacciattolo u Sir Paul Boffa jsiru *Residents Parking*. Fil-kas tal-konsumaturi li jagħmlu użu mill-ħwienet fl-istess toroq saret talba sabiex dawn jingħataw nofs siegħa ħin. Il-Ministru nforma li t-talbiet ser jidħlu fil-pjan nazzjonali li qed jiġi mħejji rigward il-parkeġġi. | Hales |
| 03 | 2 | 13 | 02.6.8 | Hales: *Parking Bays* fi Triq Ġużeppina Curmi | Hales informa li dawn ilhom li tlestew. | Hales |
| 03 | 2 | 14 | 02.6.15 | Hales: Bankina bl-iskart | Hales qal li huwa mpossibli li jsir tindif madwar l-iskejjel kuljum minħabba li n-numru ta' kenniesa hu limitat. | Hales |
| 03 | 2 | 15 | 02.6.18 | Hales: Mera Triq Santu Wistin faċċata ta' Triq il-Qalb ta' Ġesu' | Hales informa lill-Kunsill li din il-mera twaħħlet. | Hales |
| 03 | 2 | 16 | 02.6.19 | Chircop: Attivita 'Darba waħda' Qari bil-Malti | Chircop irraporta l-attivita' li saret fil-Palazz tal-President li din kienet attivita' interessanti ħafna. Il-President faħħret ħafna l-qari li sar mill-istudenti Żwieten u kien hemm konkorrenza tajba. Huwa rringrazza lis-Sinjura Miriam Cassar ta' din l-opportunita'. | Agius Chircop |
| 03 | 2 | 17 | 02.6.23 | Hales: *Parking Bays* fi Triq Mikiel Cachia | Hales irraporta li din għadha pendenti għall-istess raġuni mogħtija f'02.6.2. | Hales |
| 03 | 2 | 18 | 02.6.24 | Hales: Bozza u mera fejn 58, Triq Ħal Tarxien | Hales irraporta li l-mera ġiet ordnata u se titwaħħal l-ġimgħa d-dieħla. Rigward il-bozza din it-talba ma tistax tintlaħaq minħabba li l-ispazju li hemm bejn il-bozoz eżistenti ma jippermettix li titwaħħal bozza oħra. | Hales |
| 03 | 2 | 19 | 02.6.26 | Hales: *Double yellow lines* fi 71 Triq id-Duluri | Hales irraporta li din għadha pendenti. | Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03 2 20 | | Camilleri: Attivita' bl-awtur Trevor Zahra fl-iskola Primarja | Camilleri rraporta l-attivita' li saret ġewwa l-iskola Primarja fejn Trevor Zahra iltaqa' mat-tfal. Din kienet attivita' żgħira, simkpatika u għamlet ħafna ħoss. It-tfal saru jafu lil dan l-awtur Żejtuni mill-viċin. Il-Kunsill sab koperazzjoni miż-żewġ kapijiet ta' l-iskola primarja A u B Ruth Cilia u Edmond Pace rispettivament. Dawn ħadu sehem b'mod attiv u ta' dan il-Kunsill jirringrazzjahom. Il-kotba ta' Trevor Zahra tpoġġew fil-librerija.<br><br>Is-Sindku rrimarka li l-istudenti ta' Skola Primarja B mhumiex jagħmlu użu mil-librerija. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-lift ta' l-iskola jinsab bil-ħsara u għalkemm l-Kap ta' Skola Primarja B lesta tħallas jidher li l-Kap ta' Skola Primarja A ma tridx tagħmel dan. Il-Kunsillier Hales irrimarka li r-rampa ta' l-iskola mhiex prattikabbli għax tiżloq. |

03 3 **Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03 3 1 | 2 | Life Long Learning 2015-6 | Is-Segretarjat informa lill-Kunsill li għad fadal xi problemi li qed jiġu ndirizzati lid-Dipartiment. Fr Vince Magri huwa nfurmat b'dak li qed jiġri. | Camilleri |
| 03 3 2 | 03 | TM: *Double Yellow Lines* fi Triq l-Isqof Zahra | TM approvat li jsiru *double yellow lines* faċċata ta' garaxx nru 7 fi Triq l-Isqof Antonio Zahra. | Hales |
| 03 3 3 | 5 | TM: Kostruzzjoni ta' Trejqet il-Litfija | Filwaqt li l-Kunsill innota li ser isir il-wiċċ ta' Trejqet il-Litfija, sfortunatement hemm problema fuq l-ilma. Il-Viċi-Sindku staqsiet hux ser issir kollha. Ir-risposta kienet fl-affermattiv. | Sindku |
| 03 3 4 | 08 | KNDP: Aċċessibilta' - Knisja Parrokkjali | Is-Sindku nkariga lill-Viċi-Sindku sabiex tkellem lill-Perit Magro dwar l-aċċessibilita' tal-Knisja Parrokkjali. | Viċi-Sindku |
| 03 3 5 | 9 | Rapport tal-Pulizija: Ħsara fuq faċċata ta' residenza fi Triq Santa Marija | Il-Kunsill iddiskuta l-każ ta' Sinjura Carabott u qabel li għandha issir tabella li tindika kemm hi wiesgħa t-triq. | Hales |
| 03 3 6 | 10 | Pataw Bakery: Talba għal *un/loading bay* fi Triq Anġlu Grima | Is-Sindku nkariga lill-Hales sabiex jibgħat talba lill-TM. | Hales |
| 03 3 7 | 11 | Jean Paul Saliba: Użu ta' Ġnien Luqa Briffa | **Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li s-Sur Saliba jagħmel użu minn Ġnien Luqa Briffa fl-10 ta' Lulju 2017 bejn17.45 sa 19.45. Il-ħlas huwa ta' Eur150.** | Hales |
| 03 3 8 | 12 | CareMalta: Nazzareno Vassallo Award | Għal dan il-premju ġiet nominata Ms Antoinette Camilleri. | Viċi-Sindku |
| 03 3 9 | 14 | Skola Primarja A: Funwalk 15.03.2016 | **Il-Kunsill approva li jipprovdi żewġ gwardjani lokali waqt il-funwalk li ser issir mill-iskola primarja fil-15 ta' Marzu.** | Camilleri |

03. 4. **Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03 4 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/16 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju |
| 03 4 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/16 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 03/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarju |
| | i | Is-Sindku rraporta li sar pagament ta' Eur1,000 miż-Żejtun Redstars lill-Kunsill għall-utilities. Baqa' Eur400 oħra x'jitħallsu. | | |
| 03 4 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/16 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju |
| 03 4 4 | | Petty Cash - Frar 2016 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €137.63. | Segretarju |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5. | | Ġieh iż-Żejtun | | |
| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
| 03. 5 1 | | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-enveloppi li rċieva għan-nominazzjonijiet ta' Ġieh iż-Żejtun, li din is-sena taħbat l-20 edizzjoni. | |
| 03. 5 2 | | | Is-Sindku fetaħ in-nominazzjonijiet. B'kollox daħlu sitta (6): Rev. Angelo Seychell, Trevor Zahra, Elton Zarb, Antoinette Camilleri, Sister Carmen Valentino u Brian Craus. | |
| 03. 5 3 | | | Rev. Angelo Seychell, Trevor Zahra u Elton Zarb ma ġewx kunsidrati peress li diġa' ħadu ġieh fuq skala għola u nazzjonali iżda kien hemm qbil biex jingħataw rikonoxximent fuq proposta tal-Kunsillier Chircop. Dawn ser ikunu ukoll mistiedna għas-serata kif ukoll ser jissemmew fl-istess serata li dawn il-persuni ġew nominati. | |
| 03. 5 4 | | | Inqraw il-profili ta' Brian Craus, Antoinette Camilleri u Sister Carmen Valentino. Is-Sindku qal li huma 3 persuni validi. | |
| 03. 5 5 | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Hales | Il-Kunsilliera Agius ivvutat favur il-proposta ta' Camilleri sekondata minn Hales, sabiex is-Sur Brian Craus jingħata Ġieh iż-Żejtun għal din l-edizzjoni. | |
| 03. 5 6 | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Viċi-Sindku | Il-Kunsilliera Abela ivvutat favur il-proposta ta' Caruana sekondata mill-Viċi-Sindku sabiex is-Sinj. Antoinette Cammilleri tingħata Ġieh iż-Żejtun għal din l-edizzjoni. | |
| 03. 5 7 | | | Chircop u Fenech astjenew fiż-żewġ proposti. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5 8 | | | Is-Sindku tefa' l-*casting vote* tiegħu għan-nomina tas-Sur Brian Craus. Huwa qal li s-Sur Craus minkejja l-impjieg tiegħu kien fl-edukazzjoni, huwa daħal f'kamp umanitarju/soċjali u mar oltre id-doveri ta' l-edukazzjoni. | |
| 03. 5 9 | | | Il-Kunsillier Hales talab sabiex isiru emendi għar-regolamenti ġodda jew jiġu *updated* dawk eżistenti. Is-Sindku inkariga lil Chircop sabiex jagħmel proposta b'emendi ġodda. | Chircop |

**03. 6.** **Triq Alfred Cachia Zammit**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellna mpressjoni ħażina li t-tender kienet inħarġet peress li din għadha ma ħarġitx. | |
| 03. 6. 2 | | | Hemm proposta mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-I-Ilma li biex issir din it-triq hemm spiża ta' Eur1.8 miljun, li huwa ammont ħafna iktar milli biex isir il-wiċċ tat-triq. Din qegħda għall-approvazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi. Dwar dan ktibna lill-awtoritajiet konċernati. | |

**03 7** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03 7 1 | | Hales: Filing System | **Il-Kunsill qabel li jinħadmu tliet racks ta' madwar żewġ metri 'l wieħed sabiex jiżdied l-ixkaffar li hemm fl-arkivju eżistenti tal-filing għal aktar spazju.** | Hales |

**03. 8.** **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03 8 1 | | Camilleri: Xkaffar tal-Librerija | Camilleri staqsa jekk sarx kuntatt ma' l-MSD minħabba l-ixkaffar tal-librerija. Is-Segretarju qal li sar kuntatt iżda għadhom ma ġewx jieħdu l-qies. | Camilleri |
| 03 8 2 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser isir il-wiċċ ta' Misraħ ir-Repubblika, *reproduction* tal-pompa kif ukoll *sanctioning* tal-*milestone* . | Sindku |
| 03 8 3 | | Hales: Ringrazzjamenti | Il-Kunsillier Hales talab sabiex ittra ta' ringrazzjament lill-Ispettur Casha tas-servizz li tat waqt ħidmietha. **Il-Kunsill qabel.** | Hales |
| 03 8 4 | | Chircop: Rikonoxximenti | Il-Kunsillier Chircop ippropona li jingħataw rikonoxximenti fil-qasam edukattiv, kulturali, sportiv u soċjali, waqt Ġieħ is-Żejtun | Chircop |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03 8 5 | Sindku: Uċuħ ta' Trejqet il-Plejju u Trejqet Litfija | Is-Sindku rraporta li bħalissa qed isir xogħol mill-Gvern Ċentrali fi Trejqet il-Plejju u Trejqet Litfija. Dawn it-trejqiet ilhom biex jiġu asfaltati minn meta nbena l-Qasam ta' San Ġirgor. Ser nerġgħu niktbu lill-TM sabiex isir il-wiċċ ta' Triq il-Faqqus. TM ħarġu proposti għal Triq Bormla. Il-Kunsill iħoss li għandu jibqa' jinsisti sabiex isiru l-uċuħ mill-ġdid ta' Triq Arċipriet Degabriele, Triq Bir id-Deheb u Triq il-Labour. | Sindku |
| 03 8 6 | Sindku: Triq l-Għannejja u Sqaq Ta' Tavlin Nru. 2 | Min-naħa tiegħu l-Kunsill qiegħed jagħmel xogħol ta' *resurfacing* u bdil ta' kanen ta' l-ilma fi Triq l-Għannejja u Triq Ta' Tavlin flimkien ma' Triq Palma. Żied jgħid li fi Triq Ta' Tavlin, Sqaq nru 2, il-WSC bidlet il-mains tad-drenaġġ u tal-ilma u sussegwentament il-wiċċ tal-istess sqaq. | Sindku |
| 03 8 7 | Chircop: Trejqet il-Ħabb il-Qamħ | Chircop staqsa meta ser isir il-wiċċ ta' Trejqet Ħabb. Is-Sindku qal li peress li din it-trejqa qatt ma ġiet asfaltata hija responsabilta' ta' TM u għandha tiġi miġbuda l-attenzjoni tagħha dwar dan. | Segretarjat |
| 03 8 8 | Fenech: *Ground* tal-Football | **Il-Kunsill qabel unanimament li jinbidel l-artificial turf tal-ground li hemm f'Ġebel San Martin.** Għaldaqstant ser jitħejja t-*tender* għal dan il-*ground*. Ix-xibka l-ġdida diġa' tinsab għand il-Kunsill. | Fenech |
| 03 8 9 | Fenech: Fiera ta' l-Isports | Fenech irrapurtat li fid-19 ta' Marzu ser issir il-fiera ta' l-isports f'Ġebel San Martin. Ser ikun hemm ukoll show tal-karozzi mini minors. | Fenech |
| 03 8 10 | Abela: *Scammel* fi Triq Ġebel San Martin | Abela ġibdet l-attenzjoni dwar *scammel* bi *skip* ġo fiha pparkjat f'din it-triq li qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti. Caruana qal li hu stess tkellem ma' l-Ispettur fejn dan qal li l-Pulizija m'għandhomx *tow truck*. Caruana rrimarka li fl-inħawi hemm il-*recycling bins* li jinsabu mingħajr għatu. | Hales |
| 03 8 11 | Chircop: Ġieħ iż-Żejtun | Chircop fakkar lill-Kunsill dwar is-serata ta' Ġieħ iż-Żejtun li ser issir fil-31 ta' Marzu fis-7.30 fis-Sala Parrokkjali. Bħala mużika ser ikunu mistiedna Chris Spiteri u Daniel Cauchi mill-~~Big Band Brothers~~ Kofena. Huwa qal li l-medalja ta' Ġieħ iż-Żejtun qed tiġi tiswa Eur300. Huwa propona sabiex issir dye peress li tul iż-żmien din tkun iktar viabbli. Eur500 mill-ispiża ser tittieħed mill-vot ġenerali tal-Kunsill. **Il-Kunsill qabel nem.com.** | Chircop |
| 03 8 12 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop irraporta li din is-sena daħlu madwar 30 kitba għall-Konkors Letterarju. Se tinqara sintesi ~~minn kull waħda~~. mir-Rebbi etc. | Chircop |
| 03 8 13 | Chircop: Laqgħa Filatelika | Chircop informa lill-Kunsill li fit-22 ta' Marzu ser issir laqgħa filatelika b'differenza dwar l-artist Żejtuni Ġużeppi Tabone. Kelliema għal din il-laqgħa ser ikunu Catherine Tabone u Vince Abela. | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 8 | 14 | Chircop: Stedina | Chircop informa lill-Kunsill li ż-żgħażagħ ġew mistiedna mill-Ispeaker Anġlu Farrugia jagħmlu dibattitu mal-membri parlamentari bħala parti minn Commonwealth Day fl-14 ta' Marzu. | Chircop |
| 03 | 8 | 15 | Chricop: *Traffic Management* | Chircop talab sabiex id-daħla minn Triq il-Qadi għal Triq il-Falkunier issir *one way* filwaqt li ssir mera tat-traffiku fi Triq Santa Katarina kantuniera ma ' Triq Sant'Anġlu. Is-Sindku spjega li għandha ssir *sleeping policeman* u mhux mera kif kien hemm qabel sar ir-*resurfacing*. | Hales |
| 03 | 8 | 16 | Chircop: Problemi ta' kaxxi wara l-ġbir tal-ħġieġ | Chircop ġab quddiem il-Kunsill il-problema ta' kaxxi li ma jinġabrux waqt il-ġbir tal-ħġieġ li mbagħad itiru bir-riħ. Hales ippropona li l-ġbir tal-ħġieġ m'għandux jibqa' jsir nhar ta' Ġimgħa iżda għandu jsir it-Tnejn sabiex il-kartun ikun jista' jinġabar fil-ġurnata tat-Tlieta ma' l-iskart reċiklabbli. | Agius |
| 03 | 8 | 17 | Chircop: Kompetizzjoni Armar tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop fakkar fil-kompetizzjoni ta' l-armar tal-Ġimgħa l-Kbira. | Chircop |
| 03 | 8 | 18 | Chircop: Sqaq San Anard | Chircop irraporta li qed jitpoġġa skart fil-kantuniera ta' Sqaq San Anard. | Hales |
| 03 | 8 | 19 | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ: Għotja ta' Ritratti | L-Ambaxxatrċi taż-Żgħażagħ Laura Caruana infurmat lill-Kunsill li l-fotografu Kevin Casha għoġbu jagħti lill-Kunsill sett ta' ritratti. | |
| 03 | 8 | 20 | Caruana: Simenta fi Triq il-Bies | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ilma li qed jinġemgħa fl-aħħar parti ta' Triq il-Bies. | Sindku |
| 03 | 8 | 21 | Caruana: Nuqqas ta' dawl - Knisja ta' San Girgor | Caruana talab sabiex jiżdied id-dawl fil-ġnub tal-Knisja ta' San Girgor. Is-Sindku spjega li hemm *floodlights* mal-faċċata tal-Knisja kif ukoll il-fanali. | Sindku |
| 03 | 8 | 22 | Caruana: Bankina mkissra | Caruana rraporta bankina mkissra f'Misraħ ir-Repubblika viċin il-fergħa postali. | Sindku |
| 03 | 8 | 23 | Caruana: *Skips* | Caruana rraporta *skips* propjeta' Ta Ganza Shopping Centre li qed ikunu barra matul il-ġurnata. | |
| 03 | 8 | 24 | Caruana: Bozoz ġodda | Hales qal li referenza dwar din it-talba diġa' saret f'02.6.24. | Sindku |
| 03 | 8 | 25 | Caruana: Traffic Management | Chircop talab sabiex l-ispazju tat-triq li jeżisti bejn is-*central strip* fit-tarf t'isfel ta' Triq il-Qadi u l-bini ta' warajha ssir *one way* fejn id-dħul ikun biss minn Triq il-Falkunier. | Hales |
| 03 | 8 | 26 | Agius: *Malta Waste Reduction* | Agius infurmat lill-Kunsill li għal *Malta Waste Reduction Award* ġew nominati *Żejtun Kids Club* u ser jattendu għas-serata l-Kunsillieri Agius u Camilleri. | Agius Camilleri |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 8 | 27 | Agius: Proġett 'Darba Waħda' | Agius rrapurtat ix-xogħol li qed isir fil-proġett 'Darba Waħda'. B'dispjaċir il-Kunsill innota li għalkemm il-proġett beda mexxi tajjeb, xi kultant qed ikollha sitwazzjonijiet fejn l-anzjani ma jiġux provduti trasport. Għaldaqstant, il-Kunsill ser jikteb lis-Sur Jason Micallef ta' V2018. | Agius |
| 03 | 8 | 28 | Agius: Attivitajiet | Agius infurmat lill-Kunsill li t-tfal ser jiġu mdawwra maż-Żejtun sabiex jaraw l-attivitjiet li jkunu ghaddejjin għall-Ġimgħa l-Kbira. | Agius |
| 03 | 8 | 29 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku għarrfet lill-Kunsill li nhar l-Għid il-Kbir ser isir it-tqassim tal-figolli lill-persuni b'diżabilita'. | Viċi-Sindku |
| 03 | 8 | 30 | Viċi-Sindku: Ilment dwar *Child Day Care Centre* | Il-Viċi-Sindku talbet kjarifika dwar tifel li ntalab sabiex ma jattendiex iktar iċ-*child day care centre*. Is-Sindku spjega li din kienet deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija. | Sindku Agius |
| 03 | 8 | 31 | Viċi-Sindku: *Audited Accounts* tal-Manuċċa CDCC | Il-Viċi-Sindku fakkret sabiex jiġu pprezentati l-*audited accounts* tal-Manuċċa Child Day Care Centre. Is-Sindku spjega li dawn ser ikunu pprezenati ~~f'Ġunju li ġej~~. ma laqgħa. | Sindku Agius |
| 03 | 8 | 32 | Sindku: Kuntratt Ġbir ta' Skart Reċiklabbli | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kumpanija Green MT baqgħet ma tefgħet l-ebda offerta. Min-naħa tal-Greenpak, għalkemm tefgħu l-offerta, iżda kien jonqos xi dettalji li jridu jiġu konfermati mill-aktar fis. Fl-1 ta' April irid jibda l-kuntratt il-ġdid. | Sindku |
| 03 | 8 | 33 | Abela: Proġett 'Skart Organiku' | Il-Kunsilliera Abela staqsiet jekk iż-Żejtun hux ser jieħu sehem fil-proġett pilota ta' l-iskart organiku. Is-Sindku spejga li s'issa ma ġejniex avviċinati. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-8.45 pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa, 20 ta' April, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Iffirmat
Joe Attard
Sindku

27/04/2016

Iffirmat
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv